Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tal-Kunsill Lokali Mosta li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 27 t'Awissu, 2007, fit-8:30 p.m.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Dr. P. Chetcuti Caruana |
| Il-Viċi Sindku | Ms. J. Agius Decelis |
| Il-Kunsillieri | Mr. J. Demartino<br>Dr. S. Farrugia<br>Ms. K. Fenech<br>Ms. N. Fenech Adami<br>Perit C. Grech<br>Ms. M. Mifsud<br>Mr. M. Sammut |
| Uffiċċjal Inkarigat<br>Aġent Segretarju Eżekuttiv | Mr. J.C. Azzopardi |

**Aġenda**

---

1. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru.7;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Ġieħ il-Mosta;
5. Ħwejjeġ Oħra;
6. Tmiem il-Laqgħa.

---

## 1. Minuti

Il-Minuti tas-Seduta Nru.7 tal-Kunsill Lokali Mosta kienu ċirkolati u meħuda bħal moqrija.

## 2. Korrezzjonijiet għal Minuti

Il-Kunsillier J.Demartino qal li xtaq jagħmel korrezzjoni fil-Minuti fis-sens li t-tieni paragrafu jiġi jaqra hekk:-

"Il- kunsillier Demartino qal li xi ħames ġimgħat qabel kellha issir din l-attivita hu kien diġa offra l-ghajnuna tiegħu lill-Dr. G. Mifsud Chircop u zid li sejħet laqgha biss gimgħa qabel l-attivita u li kienet tard wisqbiex setgħet issir b'success. Dwar il-proġett ta' Bistra, Demartino kompla li s-Sindku għandu jsaqsi lil Dr. G. Cassar hu (J. Demartino) hux se jgħati s-sehem tiegħujew le. Dr Chetcuti Caruana kellu tintalab extension għal Frar u s-segretarju ma' ħax azzjoni."

Is-Sinjura Agius Decelis, Viċi Sindku, u Dr. Chectcuti Caruana, Sindku, ukoll għamlu intervent u l-paragrafu kompla jaqra hekk :-

"Is-Sinjura Agius Decelis qalet li wara li ċempilu l-ex Segretarju, ma kellux raġuni għaliex ma jgħatiex l-għajnuna tiegħu. Is-Sindku rrimarka li hu ried ifixkel biex jidher ikrah biex ifixkel il-Kunsill u għalhekk neħħielu il-karigi li kellu. Hu li ma kienx se jilqa it-talba tas-sur Demartino biex jingħata lura il karigi li kellu. Hi qalet li fil-laqgħa tal-Kunsill li saret gimgħa qabel is-Sur Demartino ma semma xejn dwar il-festa tal-Bidnija. Qalet li Dr. Mifsud Chircop qalilha li kien ikkuntatja lis-Sur Demartino dwar l-attivita.

"Is-Sindku qal li kienet waslet ittra dwwar l-għotja tal-Premju Anzjan tas-Sena u l-Kunsill setgħa jinnomina persuna fl-okkazjoni tal-Jum dinji ta l-Anzjani.

Il-Kunsillier Mario Sammut qal li hu kien bi ħsieb li jressaq in-nomina ta' Ms. Emily Bonnici li ħadmet fil-qasam tal-volontarjat għal diversi snin inkluz ma persuni anzjani u b'dizabilita: u lil Mr. C. Camilleri li jgħin fil-qasam tal-volontarjat.

Wara diskussjoni qasira, il-Kunsillier Camilleri ssugerixxa li s-Sur Sammut jintalab jinnomina waħda jew wieħed mit-tnejn u jkun hemm qbil dwar il-persuna.

Il- Kunsillier Sammut ippropona lill-Ms. Bonnici u kien hemm qbil annonimu dwarha. "

3. **Tagħrif mill-Minuti**

Is-Sindku nforma li wara l-aħħar Seduta kien sar kuntatt ma' l-ETC biex jipprovdulna ismijiet ta' persuni li jirreġistraw u li setgħu jiġu ntervistati għal kariga vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv.

Dr. Chetcuti Caruana qal li fil-fatt dakinhar stess l-ETC bagħatet l-ismijiet ta' tliet persuni biex jiġu ntervistati. Peress li dan kien suġġett fuq l-Aġenda d-diskussjoni tħalliet għal aktar il-quddiem.

4. **Korrispondenza**

4.1 Is-Sindku qal li ladarba l-ETC nfurmatna b'kandidati eliġibbli għal intervista għal kariga ta' Segretarju Eżekuttiv, jeħtieġ li jinħatar Bord ta' l-Għażla. Hu qal li xtaq li minbarra minnhu u membru li jkun nominat minn fost il-Kunsilliera Nazzjonalisti, tliet oħra jkunu persuni ta' fiduċja estranji. Hu propona lis-Sinjuri P. Caligari; J. Cristina; u S. Perici.

Is-Sur J. Demartino kien nominat mill-grupp tal-Kunsillieri Nazzjonalisti u f'każ li jkun indispost jaħtar sostitut.
Il-Kunsill qabel.

4.2 Il-Kunsill ġie nfurmat li fl-14 u 15 ta' Settembru se ssir laqgħa għas-Sindki u Viċi Sindki u s-Sindku talab li jkunu awtorizzati l-ħlasijiet tal-parteċipazzjoni tagħhom. Il-Perit Chris Grech ippropona li l-Kunsill jawtorizza n-nefqa. Issekonda s-Sur J. Demartino. Il-Kunsill qabel unanimament.

4.3 Is-Sindku nforma li Abakus Solutions se jissospendu l-'*website*' peress li ma tħallsx l-abbonament għal tliet snin. Jekk dan jiġri tkun trid issir mill-ġdid. Il-kunsillier Mario Sammut ippropona li jitħallsu l-arretrati. Issekonda s-Sindku u l-Kunsill approva unanimament.

4.4 Is-Sindku nforma li b'e-mail mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru, datata 21 t'Awissu, 2007, ġiet miġbuda l-attenzjoni tal-Kunsill, ta' Dr. G. Mifsud Chircop u ta' Emilia Cultexchange, dwar SMART Claim No. 1.

Dr. Chetcuti Caruana qal li l-e-mail telenka lista ta' fatturi, rċevuti u dokumentazzjonijiet diversi li jmorru lura sal-2005 li ma ġewx sottomessi u li għalhekk l-Kunsill ma jitħallasx lura spejjes li saru.

Dr. Chetcuti Caruana qal li l-ex-Segretarju ma riedx jagħti nformazzjoni dwar il-Proġett, tant li hemm konfużjoni sħiħa dwar x'se jiġri. Jekk dawn l-irċevuti/fatturi ma jinstabux, il-Kunsill mhux se jieħu flushu lura. Hu fi ħsiebhu li jgħaddi l-informazzjoni lill-Pulizija.

4.5 Il-Kunsill ġie nfurmat li Ms. C. Vella ta' Triq il-Ħarifa, Mosta, kitbet dwar parkeġġ riżervat li sar u li hemm oġġezzjoni minn għadd ta' residenti. Il-Viċi Sindku Agius Decelis qalet li fir-residenza ndikata hemm persuna b'diżabilita' u l-ADT ħarġet il-permess minħabba f'din is-sitwazzjoni.

4.6.1 Is-Sindku qal li waslet e-mail dwar interess ta' ġemellaġġ minn Alexandra fl-Italja. Fil-fehema tal-Kunsll, ma jkunx f'waqtu li wieħed jinvolvi ruħu f'aktar setturi f'dan il-mument.

5. **Gieħ il-Mosta**

Is-Sindku, Dr. Chetcuti Caruana qal li qabel ma' wieħed iressaq nomini, xtaq jipproponi żewġ emendi għar-regolamenti attwali li permezz tagħhom irid ikun hemm unanimita' biex persuni jingħataw il-Ġieħ.

It-Tabib Chetcuti Caruana qal li l-ewwel emenda hija fis-sens li l-Ġieħ jingħata lill-4 persuni minflok tlieta. Dwar din il-proposta tas-Sindku, li ġiet sekondata mill-Viċi Sindku, kien hemm qbil unanimu.

Meta ressaq it-tieni emenda, it-Tabib Chetcuti Caruana qal li din hija fis-sens li biex jingħata l-Ġieħ, biżżejjed ikun hemm maġġoranza tal-Kunsillieri preżenti għas-Seduta li jaqblu dwar in-nomini li jsiru.

Il-Kunsillier Demartino qal li ma jaqblux li tinbidel il-prassi għax l-iskop kien li min jingħata l-Ġieħ jkun bi qbil minn kulħadd.

Is-Sindku qal li hu jaf diġa' li l-kunsillierei Nazzjonalisti ma jaqblux ma' min hu u sħabu jixtiequ jipproponu, fosthom l-Scouts tal-Lokal.

Il-Kunsillier Demartino qal li meta sena ilu kien hemm proposta biex il-Ġieħ jingħata lil istess Scouts fl-okkażjoni ta' l-Anniversarju tagħhom, il-Kunsillieri Laburisti oġġezzjonaw. Huma jixtiequ li din is-sena jipproponu lis-Sur E. Buhagiar u lill-Dr. Gorg Cassar.

Is-Sindku Dr. Chetcuti Caruana qal li fi żmien is-Sur Demartino t-termini ta' referenza għamilhom hu. Issa jixtieq li dawn jinbidlu u jħoss li l-maġġoranza preżenti għandha kull dritt li tagħmel t-tibdil mixtieq fil-proċeduri.

Peress li kien evidenti li mhux se jkun hemm qbil, hu kien qed jipproponi l-aġġornament tas-Seduta għal Ġimgħa, 14 ta' Settembru, 2007, fit-8:30 p.m., sabiex jimxi mal-proċeduri u jikkomunika l-mozzjoni għal diskussjoni w approvazzjoni f'Seduta oħra.

Sadanittant il-Kunsill ġie nfurmat li l-Għoti ta' Ġieħ il-Mosta se jsir waqt attivita' li għal din is-sena se ssir fit-23 ta' Settembru minħabba attivitajiet li għandha l-Parroċċa fl-istess jiem li qabel kienet issir l-attivita'.

Il-proposta ta' l-aġġornament ġiet sekondata mill-Viċi Sindku Agius Decelis u maqbula b'maġġoranza.

Il-Kunsill ġie aġġornat fid-9:30 p.m.

| | |
|---|---|
| Dr. P. Chetcuti Caruana | Joseph C. Azzopardi |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati :- Il-Ġimgħa, 14 ta' Settembru, 2007</u>**